MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 2279/2004

**Citadel Insurance plc (C21550) kif surrogata fid-drittijiet**
**tal-assigurat taghha Anthony Mercieca (ID No. 0002447 (M))**
**u l-istess Anthony Mercieca**

**Vs**

**Denise Grech**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta’ sitt mija u wiehed u hamsin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm651.85c) rapprezentanti danni f’incident awtomobilistiku ghal liema incident il-konvenuta kienet unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenuta fl-ewwel lok qalet li mhix responsabbli ta' dan l-incident.

Fit-tieni lok qalet illi l-ammont mitlub f'din il-kawza huwa eccessiv u ghalhekk huwa wkoll ikkontestat.

Ra r-*Road Accident Report* fejn l-assigurata tas-socjeta' attrici, Alison Mercieca qalet:

"I was coming from the direction of the ex-runway driving towards Luqa when I reversed in order to turn back and collided with car number LAD 386 which was turning."

Ra illi l-konvenuta qalet:

"I was coming from the direction of Luqa driving towards the ex-runway when I started to make a turn and collided with car number ALI 575 which was reversing."

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta' Dr Edmond Zammit Laferla li huwa Legal Affairs Executive mas-socjeta' attrici.

Ra x-xhieda ta' Alison Mercieca li kienet qed issuq il-vettura ALI 575 fejn tghid illi waqt li kienet qieghda ssuq iddecidiet li tirriversja u ghalhekk harset mill-mirjiet tan-nofs u tal-gnub u hekk kif ma rat lil hadd gej, irriversjat sabiex tipparkja u sar l-impatt.  Tghid li hi rriversjat xi metru u nofs sa zewg metri qabel il-habta.

Tikkonferma li rat vettura gejja fid-direzzjoni opposta izda ma tafx b'liema speed kienet ghaddejja.

Fil-kontro-ezami tghid illi l-incident sar meta l-konvenuta ghamlet U-turn.  Tghid ukoll illi hi ma ratx il-U-turn. Tikkonferma li lill-konvenuta ratha gejja fid-direzzjoni li kienet sejra hi.

Ra x-xhieda tal-konvenuta fejn tghid illi dakinhar ta' l-incident rat karozza gejja fid-direzzjoni opposta taghha u ghalhekk hallietha tghaddi u marret biex iddawwar.

Tikkonferma li hi riedet iddur fuq il-lemin. Hekk kif bdiet iddawwar tghid li l-istess karozza li halliet biex tghaddi giet bir-*reverse* fuqha bi speed qawwi u sar l-impatt.

Il-konvenuta tghid illi l-karozza taghha daret bl-impatt.

Fil-kontro-ezami tikkonferma li qabel m'ghamlet il-U-turn harset mill-mera tal-lemin, lahqet ghaddiet il-vettura ta' Mercieca u wara ftit sekondi ghamlet il-U-turn.

Tikkonferma wkoll illi meta sehh l-incident, hi kienet qieghda ddur.

Ra x-xhieda ta' George Grech li kien passiggier mal-konvenuta fejn jikkonferma li qalet Denise Grech. Jghid ukoll illi l-karozza ta' Grech spiccat *total loss.*
Illi dan it-Tribunal irid jara jekk l-atturi gabux bizzejjed provi li l-incident gara tort tal-konvenuta. Illi r-**regolament 67 tal-MVR** jipprovdi li:

"No person shall cause the motor vehicle to travel backwards for a greater distance or time than is absolutely necessary and shall take such precautions as are required to avoid collisions and accidents with persons or to other vehicles on the road."

Fil-kawza **Pulizija Vs J. Aquilina - Qorti Kriminali deciza fit-12 ta' Marzu, 1961** saret referenza ghas-sentenza tal-**Corte di Cassazione ta' l-Italja** fejn gie ritenut:

"La retromarcia di un autoveicolo consituisce uno spostamento anormale e difficile e va quindi eseguito con particolare prudenza. Se il conducente, per la sagoma dell'autoveicolo or per altra causa, non e' in grado di vedera tutta la via a tergo, la prudenza impone di servirsi di altra persona che, da terra, controlli la manovra."

Fil-kawza **Azzopardi Vs Camilleri – PA deciza fil-11 ta' Lulju, 1996** gie ddikjarat li driver miexi b'lura ghandu b'mod l-aktar assidwu jzomm *a proper lookout*.

Illi Mercieca bla dubju kellha tassigura li setghet tirriversja minghajr ma tostakola l-vetturi l-ohra u kellha wkoll izomm *a proper lookout*. Mercieca tghid ukoll li kienet rat il-karozza tal-konvenuta qabel ma sehh l-incident. Meta Mercieca tkellmet mal-pulizija ezatt wara l-incident ma qalitx li harset qabel ma bdiet tirriversja u lanqas ma qalet li kienet xeghlet l-indicator.

Illi fic-cirkostanzi m’hemmx provi bizzejjed biex dan it-Tribunal jikkonkludi li l-konvenuta kienet responsabbli ghall-incident.

Ghaldaqstant jichad it-talba ta’ l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------